MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 15/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs.**

**David Paris**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **David Paris**, iben Emanuel u Frances neé Petroni, imwieled gewwa Floriana nhar l-4 ta' Awwissu 1957 u residenti gewwa Belmont Heights, Apt. 12, Blokk G, St. Ignatius Street, Sliema, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 547157(M), akkuzat talli nhar it-28 ta' Ottubru 2011 u fix-xhur ta' qabel gewwa Sliema:

1. xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, li jikkonsistu *f'sink stainless steel* li jiswa €395.60, Wc P-Trap li jiswa €64.88, *toilet* li jiswa 104.45, *toilet seat* €44.49 u mera li tiswa €278.10 b'kollox jammontaw ghal €887.52 u bil-VAT €1047.28, liema oggetti jappartjenu lil Andrea Micallef, iben Bartolomeo u Maria Rosaria neé Valletta, imwieled nhar it-18 ta' Jannar 1988 u jirrisjedi gewwa "Villa Kelvedon", Triq Nutar Zarb, Attard (Kapitolu 9, Artikolu 334);

2. fl-istess u cirkustanzi wara li sar jaf li l-oggetti li kien fil-pussess taghhom huma misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqas milli jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta sar jaf (Kapitolu 9, Artikolu 334A);

3. fl-istess cirkustanzi, sab l-oggetti msemmija li naqsu lil Andrea Micallef, iben Bartolomeo u Maria Rosaria neé Valletta, imwieled nhar it-18 ta' Jannar 1988 u jirrisjedi gewwa "Villa Kelvedon", Triq Nutar Zarb, Attard u ma gharrafx bihom fi zmien tlett ijiem lill-Pulizija Esekuttiva;

4. fl-istess cirkustanzi sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-12 ta' Marzu 2009 liema sentenza ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SS 2" – *a fol.* 11).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 15).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat li minkejja li fis-seduta tad-29 ta' Settembru 2014 (*a fol.* 133), id-difiza nghatat zmien sat-3 ta' Ottubru 2014 sabiex permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti tezebixxi kwalunkwe prova dokumentarja ohra li hija xtaqet tressaq, id-difiza baqghet ma pprezentat l-ebda dokument.

Semghet is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 135 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Saviour Baldacchino** (*a fol.* 16 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' zewg rapporti li kien ghamel il-parti leza Andrea Micallef: l-ewwel rapport kien sar fis-27 ta' Lulju 2011 fejn Micallef kien irraporta li minn gewwa appartament tieghu f'tas-Sliema sab diversi affarijiet neqsin, liema affarijiet huma relatati mal-kcina u mal-kamra tal-banju; it-tieni rapport sar fit-28 ta' Ottubru 2011 fejn Micallef irraporta li haddiem minn tieghu sab xi affarijiet li kienu gew rapportati neqsin mir-rapport ta' qabel go appartament iehor fl-istess blokka ta' appartamenti. Jghid li l-imputat jahdem fl-istess blokka ta' appartamenti bhala ko-ordinatur u jkollu c-cwievet u jiehu hsieb l-appartamenti tal-blokka. Jixhed li meta kellem lill-imputat, l-imputat kien qallu li l-affarijiet kien sabhom fil-*garages* li hemm fil-*basement* u kien tellaghhom biex jekk xi hadd ikollu bzonnhom ikun jista' jehodhom. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "SB 1" sa "SB 4" (*a fol.* 18 *et seq.*).

L-i**Spettur Saviour Baldacchino**, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 64), ezebixxa sentenza li giet immarkata bhala Dok. "SB 5" (*a fol.* 65 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Andrea Micallef** (*a fol.* 30 *et seq.*) fejn beda billi qal li f'Gunju/Lulju 2011 nduna li kienu nsterqu xi affarijiet minn go appartament f'tas-Sliema. Jghid li kienu nsterqu affarijiet relatati mal-kcina u affarijiet relatati mal-kamra tal-banju. Jispjega li xi ftit xhur wara, il-haddiem tieghu dahal fl-appartament tal-imputat jew ta' siehbu u qallu (lil Micallef) li f'dan l-appartament kien ra xi affarijiet li setghu kienu tieghu (ta' Micallef). Meta gie muri Dok. "SB 2" (*a fol.* 22) qal li din hija l-lista tal-affarijiet li nstabu. Jghid li lill-imputat jafu ghax kien ikun hafna ta' spiss fil-blokk fejn ghandhom l-appartamenti. Jispjega li meta sab l-affarijiet neqsin kien mar ghand l-imputat mal-ewwel biex jghidlu b'dan. Jixhed li l-imputat qatt ma qallu li kien sab xi affarijiet f'xi *garage* li kienu relatati mal-blokka. Jghid li l-imputat jiehu hsieb appartamenti ta' xi nies li huma proprjetarji ta' xi appartamenti fil-blokka.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid kif identifika l-oggetti misruqa, wiegeb li l-imputat jahdem ma' certu David Camilleri li huwa sid il-*Bathroom Design* u li huma (Micallef) jgibu dawn l-oggetti minn ghand Mercieca. Jghid ukoll li l-bieb tal-kcina (li hija l-unika bicca li baqghet gol-appartment) jimmeccja – anke it-toqob tal-viti jaqblu. Jghid ukoll li fuq affarijiet li nstabu kien hemm qtar ta' zebgha li kien hemm fl-appartament.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, xehed **PS 465 Daniel Abela** (*a fol.* 35) fejn qal li fit-28 ta' Ottubru 2011 kien rikjest mill-Ufficjal Prosekutur sabiex jaccedi f'appartament f'tas-Sliema u jiehu xi ritratti tal-fond u ta' xi affarijiet li allegatament gew misruqa. Ezebixxa faxxikolu b'dawn ir-ritratti li gie mmarkat bhala Dok. "DA 1" (*a fol.* 38 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li meta kien qed jiehu dawn ir-ritratti kien hemm prezenti pulizija li kien *fixed point*. Ma jafx il-hin ezatt meta ttiehdu dawn ir-ritratti.

In kontro-ezami, li tkompla fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 48 *et seq.*), jghid li r-ritratti li ha hadhom fit-28 ta' Ottubru 2011 u bdew jittiehdu f'13.28pm.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, xehed **Alex Mercieca** (*a fol.* 50 *et seq.*) fejn qal li huwa proprjetarju ta' hanut tal-kmamar tal-banju. Meta gie muri ritratti li jinsabu minn *a fol.* 40 u 41 qal li dawn huma tad-ditta Roca li ilhom jimpurtawha wahidhom f'Malta ghal dawn l-ahhar tletin sena jew aktar. Meta gie muri ritratti *a fol.* 42 u 43 qal li m'huwiex cert. Meta ra ritratti *a fol.* 40 u 41 qal li dan huwa *toilet* tas-serje Victoria bil-*flushing* b'kollox.

In kontro-ezami jghid li jimpurtaw kwantita' kbira mit-*toilet* u l-*flushing* li kien ghadu kemm ra. Meta ra ritratt *a fol.* 40 qal li dan jista' jkun xi *sink* pero jghid li huwa cert li dan huwa prodott minn taghhom. Jghid li lil Andrea Micallef jafu ghax hafna drabi jixtri minn ghandu tant li huwa klijent regolari. Jghid li Micallef jixtri prodotti tad-ditta Roca.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2012, xehed ukoll **PS 1354 Claudio Coppola** (*a fol.* 53 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "CC 1" (*a fol.* 56 *et seq.*). Jghid li meta kellem lill-imputat, l-imputat kien qallu li kien sab l-affarijiet in kwistjoni go l-*garage* ta' isfel u kien hadhom gol-blokka tieghu.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2014, xehed l-imputat **David Paris** (*a fol.* 84 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa jiehu hsieb *condominium* f'tas-Sliema, fejn hemm diversi blokok b'numri ta' flattijiet, taht liema flattijiet hemm diversi livelli ta' garaxxijiet. Jghid li xoghlu huwa l-komun ta' kull blokka u l-appartamenti tal-klijenti tieghu. Jghid li hemm klijenti li jbieghulhom appartamenti imbaghad ihallu cwievet ghandu u jkunu msefrin u jara li dawn l-appartamenti jkunu nodfa meta jigu mis-safar, ibiddel xi bozoz li jkun hemm bzonn li jinbidlu fil-komun u jaghmel xoghol iehor simili. Ix-xhud ezebixxa ritratt mmarkat bhala Dok. "DP 1" (*a fol.* 97) ta' kif kien il-livell ta' garaxxijiet xi erba' snin qabel. Jghid li eventwalment in-nies bdew jixtru l-appartamenti u livell ta' garaxx minnhom spicca bhal *dumping area* ghax kulhadd ihalli l-affarijiet hemm. Ezebixxa ritratt iehor li gie mmarkat bhala Dok. "DP 2" (*a*

*fol.* 98) li juri kif spicca dan il-livell. Jghid li dan ir-ritratt hadu fl-14 ta' Gunju 2011. Jghid li hemm sab kaxxa rqiqa li kienet mera tal-kamra tal-banju, *toilet*, u sink tal-i*stainless steel*. Mistoqsi jghid x'inhi r-raguni ghala l-oggetti tellaghhom fl-appartament tieghu, jghid li mhux l-ewwel darba li jsibu affarijiet ohra. Ezebixxa numru iehor ta' ritratti li gew immarkati minn Dok. "DP 3" sa "DP 11" (*a fol.* 99 *et seq.*) u kif ukoll Dok. "DP 13" (*a fol.* 109) u spjega x'inhuma. Jghid li mhux l-ewwel darba li gew sgassati l-bibien u dahlulhom fl-appartamenti, serqulhom plakek u *switches*. Jixhed li meta sab l-oggetti fil-*garage*, baghat *email*, kopja ta' liema giet immarkata bhala Dok. "DP 12" (*a fol.* 108). Ezebixxa *email* ohra li giet immarkata bhala Dok. "DP 14" (*a fol.* 110). Jghid li kull meta beda jaghmel rapport lill-Pulizija, l-imghallem tieghu qallu li kien qed jaghmel hsara lill-*condominium*. Jghid li meta sab affarijiet f'kaxxi, hadhom fil-pussess tieghu flok tefaghhom fil-*garage* u poggiehom fl-appartament li kien qed jiehu hsieb. Jixhed li dawn l-affarijiet instabu ghax Andrea Micallef ghandu l-appartament fuqu u peress li Micallef kellu xi *blockage* fil-*galleys* u ried jidhol fl-appartament fejn kien pogga l-affarijiet u ta c-cwievet tal-appartament lil Andrea Micallef. Jghid li kien il-*plumber* ta' Micallef li kien innota l-affarijiet u li hu (Paris) eventwalment gie arrestat. Jghid li xi tliet gimghat qabel, Micallef kien qallu li kienu dahlulu fl-appartament u li kienu hadulu l-kcina.

In <u>kontro-ezami</u>, mistoqsi jghid jekk l-affarijiet li sab kienux f'kondizzjoni tajba jew kienux imkabrin, wiegeb: *"No bhal ma ghidtlek jiena tlieta minnhom kienu ghadhom go l-kaxxa, ghadhom in brand new condition"* (*a fol.* 93). Jghid li dehru li ma kienux mormija. Jghid li hadd ma wiegbu ghall-*email* (Dok. "DP 12" – *a fol.* 108) li baghat hu. Mistoqsi jghid jekk baqghax jinsisti, wiegeb fl-affermattiv. Jghid li lill-Pulizija qatt ma avzahom bl-affarijiet li sab. Jghid li l-affarijiet li nstabu fl-appartament tieghu (ta' Paris) mhumiex ta' Micallef. Jghid: *"l-ghamara u l-kmamar tal-banju li ghandu Andrea Micallef jahdmu bic-cheap mhux bhalna, ta' l-kulur il-bathroom sets, xi fridge antika li gab minn ghand ommu, [...] jigifieri dawn jikru appartamenti b'affarijiet tac-cekcik"* (*a fol.* 95). Mistoqsi jghid x'kien ser jaghmel bl-affarijiet in kwistjoni, jghid li dawn kien ser izommhom ghal perijodu u *"min ikollu bzonnhom intihom jew inkella narmhom"* (*a fol.* 95).

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed **Moldovan Constantin Petronel** (*a fol.* 113 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa hadem fil-blokka ta' appartamenti in kwistjoni. Spjega li darba minnhom, waqt li kien qed jahdem, mar *plumber* (persuna Maltija) u qallu li ried jirranga xi haga gox-*shaft* u wara li hu (Petronel) kellem lill-imputat, l-imputat qallu li setgha jhalli lil dan il-*plumber* jidhol. Jispjega li wara li dan il-persuna mar ghax-*shaft*, nizlu fil-*garage* u meta regghu telghu sab lil Micallef flimkien ma' xi pulizija quddiem il-bieb. Jispjega li Micallef dahal gewwa u li hu beda jara xi affarijiet, uhud minnhom kienu fil-kaxxi u uhuh minnhom miftuha.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li huwa *self-employed* u li l-imputat jaqbdu jaghmel xi xoghol.

Illi, fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2014, xehed ukoll **Ryan Seguna** (*a fol.* 117 *et seq.*) fejn qal li l-imputat awtorizzah sabiex juza appartament sabiex setgha jpoggi xi ghamara fih peress li fl-appartament tieghu (ta' Seguna) kien ghad hemm il-haddiema jahdmu. Jikkonferma li huwa (Seguna) hekk ghamel.

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 119), id-difiza ezebit numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "DP 15" (*a fol.* 120 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "SB 1" – *a fol.* 18 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt, l-imputat jghid: *"L-oggetti li qed issemmi, jiena sibthom gewwa garage minghajr bieb li jinstab gewwa l-floor level -3 waqt li konna qed innaddfu l-floor u nwittu l-konkos. Dawn nehhejthom jien u tellajthom gewwa l-post imsemmi"* (*a fol.* 19). Mistoqsi jikkonfermax li Andrea Micallef kien tkellem mieghu dwar il-fatt li kienu serqulu l-kcina u affarijiet tal-kamra tal-banju wara ftit li sabhom hu, wiegeb: *"Le hu semma biss li kienu serqulu l-kcina. Ma semmiex kmamar tal-banju tant hu hekk li jien iccajtajt mieghu billi ghidtlu li min hadlu l-kcina ghandu wkoll il-fridge li kienu serquli aktar qabel"* (*a fol.* 19). Jghid li Micallef kien qallu *"kcina"* u li hu (l-imputat) bi *"kcina"* jifhem: *"cupboards u*

*mhux sink"* (*a fol.* 20). Jghid ukoll: *"dwar it-toilets qatt ma semma xejn"* (*a fol.* 20). Ikompli jaghti dettalji fuq l-istess linji li huwa ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti u qal: *"kieku jien kelli xi haga x'nahbi, zgur li ma kontx inhalli lil Andrea imur gewwa l-appartament u jsib l-affarijiet li hu qed jahseb li sraqtlu"* (*a fol.* 20). Mistoqsi jghid jekk setghax jiehu l-affarijiet ghand il-Pulizija, jghid: *"L-ordnijiet li ghandi minn ta' fuqi huma li jekk insib xi affarijiet, irrid nirraportahom lil kondominjum u jien hekk ghamilt"* (*a fol.* 20). Mistoqsi jghid jekk gietux f'mohhu li l-affarijiet in kwistjoni setghux kienu rizultat ta' serq, wiegeb: *"Yes, naf li kienu rizultat ta' serq ghax kieku mhux ser ikunu gewwa livell -3 u ghalhekk jiena ghamilt ir-rapport lil kondominjum"* (*a fol.* 20). Jghid li rapporti dwar serq ta' affarijiet kbar ghamel kemm il-darba pero qal li fuq *toilet* ma kienx ser jaghmel rapport. Mistoqsi jghid x'kien ser jaghmel bl-affarijiet, qal: *"Nahseb li kont naghtihom lil xi hadd b'xejn jekk jistaqsuni ghalihom. Inzid li jien nahdem ma' kumpanija tal-bathrooms u zgur li toilets m'ghandhiex bzonnhom barra minn hekk, bhal ma stajtu taraw waqt it-tfittixija kien hemm bosta toilets godda gewwa l-garage tieghi"* (*a fol.* 20). Mistoqsi jghid jekk riedx jghid xi haga ohra, jghid: *"Jien jiddispjacini ta' li ghamilt ghax hi xi haga tat-tfal u xi haga li grat minhabba l-fatt li jien kont over-stressed minhabba l-affarijiet li qed jigru gewwa l-blokka tal-flats"* (*a fol.* 21).

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi jkun opportun li ssir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta' April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minn ghand bniedem illi l-appellat

innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza".

Illi fil-ktieb tieghu **"Recent Criminal Cases Annotated"**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricettazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

*"(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes and offence per se, and not a form of complicity;*

*(2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods;*

*(3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Giovanni sive John Grima** deciza fil-25 ta' Ottubru 2002 il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet is-segwenti:

"L-element materjali tar-reat ta' ricettazzjoni jikkonsisti mhux biss f'illi l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu dak l-oggett), izda wkoll f'illi dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi (u tali serq, akkwist b'qerq jew akkwist iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioé mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricettazzjoni).

Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei (fil-kumment tieghu dwar l-Artikolu 648 tal-Kodici Penali Taljan –

artikolu li huwa ftit differenti mid-disposizzjoni taghna izda li dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat huwa simili ghal taghna):

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effettivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto".*[1]

Illi mill-atti processwali jirrizulta li nsterqu xi affarijiet relatati mal-kcina u mal-kamra tal-banju minn appartament ta' Andrea Micallef li mentri Micallef jallega nstabu f'appartament li l-imputat kellu access ghalih, l-imputat jghid li huwa sab mitluqin certu affarijiet u li dawn ma kienux jappartjenu lil Micallef. Dak li trid tara l-Qorti taht l-ewwel (1) imputazzjoni huwa jekk l-imputat jistax jinstab hati ta' ricettazzjoni.

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

---

[1] Antolisei, F.: **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I**, Giuffré (Milano), 1986, pp. 358, 259.

- Fejn jinsabu l-garaxxijiet fil-*condominium* in kwistjoni kien jingabar hafna affarijiet, fosthom imbarazz li kien jithalla minn sidien ta' appartamenti.

- Micallef u l-imputat kienu jitkellmu tant li Micallef kien gharraf lill-imputat rigward is-serq li sar fil-konfront tieghu.

- In kontro-ezami meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk l-affarijiet li sab kienux f'kondizzjoni tajba jew kienux imkabrin, wiegeb: *"No bhal ma ghidtlek jiena tlieta minnhom kienu ghadhom go l-kaxxa, ghadhom in brand new condition"* (*a fol.* 93). Jghid li dehru li ma kienux mormija.

- Gie pruvat li l-affarijiet li nstabu fil-fond li kellu access ghalih l-imputat kienu jappjarjenu lill-parti leza Andrea Micallef.

- Kien isir hafna serq mill-*condominium* in kwistjoni tant li kull darba li l-imputat kien jaghmel rapport lill-Pulizija, l-imghallem tieghu qallu li kien qed jaghmel hsara lill-*condominium*.

- Fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 119), il-Qorti ordnat lill-Prosekuzzjoni tipprezenta rapporti fuq isem l-imputat. Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 132), l-Ufficjal Prosekutur nforma lill-Qorti li minn ricerka li saret kemm fuq l-isem tal-imputat kif ukoll fuq il-karta tal-identita tieghu rrizulta li saru biss zewg rapporti li fihom kien jissemma l-imputat liema rapporti ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-proceduri odjerni.

- Meta l-imputat gie mistoqsi jghid x'inhi r-raguni ghala l-oggetti tellaghhom fl-appartament tieghu, jghid li mhux l-ewwel darba li jsibu affarijiet ohra.

- Fl-istqarrija (Dok. "SB 1" – *a fol.* 18 *et seq.*) rilaxxata minnu lill-Pulizija, meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk giehx f'mohhu li l-affarijiet in kwistjoni setghux kienu rizultat ta' serq, huwa wiegeb hekk: *"Yes, naf li kienu rizultat ta' serq ghax kieku mhux ser ikunu gewwa livell -3 u ghalhekk jiena ghamilt ir-rapport lil condominium"* (*a fol.* 20).

- Meta fl-istqarrija (Dok. "SB 1" – *a fol.* 18 *et seq.*), l-imputat gie mistoqsi jghid jekk riedx jghid xi haga ohra, jghid: *"Jien jiddispjacini ta' li ghamilt ghax hi xi haga tat-tfal u xi haga li grat minhabba l-fatt li jien kont over-stressed minhabba l-affarijiet li qed jigru gewwa l-blokka tal-flats"* (*a fol.* 21).

Illi, tenut kont tal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ricettazzjoni, kif elenkati aktar il-fuq, u tenut kont tal-provi prodotti u mismugha, il-Qorti tinnota li gie sodisfacentement pruvat li l-imputat kien konxju li l-affarijiet li laqa' ghandu kienu misruqa u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-imputat jixhed li meta sab l-oggetti in kwistjoni fil-*garage* huwa baghat *email*, kopja ta' liema giet immarkata bhala Dok. "DP 12" (*a fol.* 108). Ezebixxa *email* ohra li giet immarkata bhala Dok. "DP 14" (*a fol.* 110). Inghad aktar il-fuq li l-imputat xehed ukoll li kull meta beda jaghmel rapport lill-Pulizija, l-imghallem tieghu qallu li kien qed jaghmel hsara lill-*condominium*. *Ex admissis* l-imputat jghid li hadd ma wiegbu ghall-*email* mibghuta minnu u li lill-Pulizija qatt ma avzahom bl-affarijiet li sab. Il-Qorti tinnota wkoll li fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija, l-imputat ikkonferma li kien jaf li l-oggetti in kwistjoni kienu rizultat ta' serq.

Illi, tenut kont ta' dan, jirrizulta li l-imputat naqas milli jinforma lill-Pulizija fi zmien gimgha kif kien obbligat jaghmel taht Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant l-imputat ser jinstab hati wkoll tat-tieni (2) imputazzjoni.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 340(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi jirrizulta li din l-imputazzjoni giet moghtija bhala alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni u ladarba l-imputat ser jinstab hati tat-tieni (2) imputazzjoni, il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni.

**Ir-Raba' (4) Imputazzjoni**
**(Recidiva)**:

Illi taht ir-raba' imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija fit-12 ta' Marzu 2009. Il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija fit-12 ta' Marzu 2009 kontra David Paris, liema sentenza giet mmarkata bhala Dok. "SB 5" (*a fol.* 65 *et seq.*). Fir-rigward ta' din is-sentenza, *stante* li tali sentenza ma tikkontjeniex il-konnotati tal-imputat fil-konfront ta' liema nghatat is-sentenza u *stante* li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq xhud rigward l-identifikazzjoni tal-imputat, il-Qorti mhijiex ser tikkunsidra tali sentenza. Ghaldaqstant, ma giex pruvat li l-imputat huwa recidiv u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mir-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi huma biss l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati u kif ukoll il-fedina penali (Dok. "SS 4" – *a fol.* 13 u 14) tal-istess imputat. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat. Minflok il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat tkun aktar opportuna fic-cirkostanzi bil-ghan li l-imputat jifhem il-gravita' tal-att kriminuz mwettaq minnu u jaghraf ma jergghax jirrepetieh.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, ma ssibx lill-imputat hati tar-raba' (4) imputazzjoni u b'hekk tilliberah minnha, u wara li rat Artikoli 334 u 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat David Paris hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta′ din is-sentenza u x′jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------